# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-31 TA' MEJJU 2022**

**Kawża Numru: 5**

**Rik. Ġur. 659/2013 RGM**

**Lay Lay Company Limited (C-4534) u Michael Axisa Limited (C-5758) għal kull interess li jista' jkollha**

**vs.**

**1. Carmelo Farrugia (I.D. 483267M) f'ismu proprio u ezercenti l-kummerc bhala MCF Construction Limited; u**

**2. CFS Construction Limited (C-19620)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Lay Lay Company Limited u Michael Axisa Ltd** ippreżentata fit-8 ta' Lulju, 2013 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

"Illi permezz ta' kuntratt ta' appalt datat 13 t'Ottubru 2011 is-socjeta` Lay Lay Company Limited kienet ingaggat lill-konvenut Carmelo Farrugia ghan-nom ta' kumpanija bl-isem ta' "MCF Construction

Limited", sabiex jezegwixxi xogholijiet ta' kostruzzjoni fis-sit fabbrikabbli fi Triq il-Belt Valletta, Hal-Ghaxaq, proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti l-ohra Michael Axisa Limited li qed tippartecipa f'din il-kawza ghal kull interess li jista' jkollha bhala proprjetarja tal-imsemmi fond immobbli;

Illi x-xoghol ta' kostruzzjoni mertu tal-imsemmi appalt kien lest sa l-ahhar ta' Novembru 2012.

Illi wara l-esekuzzjoni tal-istess xogholijiet u wara illi nhareg l-ahhar certifikat mill-Perit Anthony Fenech Vella, u wara illi saru l-verifiki opportuni, irrizultaw diversi nuqqasijiet fix-xogholijiet ezegwiti, fosthom:

- Il-konkos tal-kontrabejt ma lahhaqx il-grad rikjest ta' 20, imma lahhaq grad 3, u ghalhekk irid jigi mibdul;

- Kien hemm ghadd ta' materjal, fosthom knaten, proprjeta` tar-rikorrenti illi intuzaw mill-kuntrattur fuq is-sit, u li xorta sar il-hlas taghhom;

- Minkejja l-ftehim illi wara li jintemm ix-xoghol ta' kostruzzjoni, isir tindif tas-sit a spejjes tal-kuntrattur, tali tindif baqa' ma sarx, u ghalhekk Lay Lay Company Limited kienet kostretta taghmel hija stess tali xogholijiet ta' tindif;

- Kien hemm xoghol ta' kostruzzjoni illi ma giex esegwit skont is-sengha u l-arti;

- Kien hemm makkinarju li kellu jinkera u/jew jinxtara mill-kuntrattur izda li, minhabba n-nuqqas tal-kuntratur li jaghmel hekk, is-socjeta` Lay Lay Company Limited kienet kostretta thallas ghalih hija stess;

Illi dan kollu huwa spjegat fid-dettal f'zewg rapporti redatt mill-Perit Anthony Fenech Vella li illikwida l-ammont dovut lir-rikorrenti mill-intimati b'rabta mal-imsemmija nuqqasijiet fl-ammont ta' tletin elf tliet mija tmienja u tletin euro u seba' centezmi (€30,338.07);

Illi in oltre gie skopert illi s-socjeta` MCF construction Limited, li ghaliha il-konvenut Carmelo Farrugia kien qieghed jidher fuq l-imsemmi kuntratt ta' appalt, ma kienitx tezisti u ghaldaqstant huwa qieghed jitharrek personalment bhala ezercenti l-kummerc bl-isem ta' "MCF Construction Limited".

Illi in oltre, il-konvenut Carmelo Farrugia beda jemetti *invoices* relatati max-xogholijiet imwettqa ai termini tal-precitat kuntratt ta' appalt taht l-isem tas-socjeta` konvenuta l-ohra CFS Construction Limited, li fiha huwa direttur u azzjonista, u li ghaldaqstant qed tigi citata in gudizzju in kwantu koinvolta fil-pagamenti li saru b'rabta mal-precitat kuntratt ta' appalt, kif premess.

Peress illi l-konvenuti gew ripetutament interpellati sabiex jersqu ghall-hlas tal-precitat ammont ta' €30,338.07 anki permezz ta' ittra ufficjali izda huma baqghu inadempjenti;

Peress illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-socjetajiet attrici jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, previa li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, li:

1. Tiddikjara lill-konvenuti debituri solidali tar-rikorrenti fl-ammont ta' tletin elf, tliet mija u tmienja u tletin Ewro u seba' centezmi (€30,338.07) rapprezentanti ammont danni kagunati u flejjes indebitament ricevuti minnhom kif premess;

2. Tordna lill-konvenuti solidalment sabiex ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' €30,338.07;

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali u bl-imghax legali skond il-Ligi fil-konfront tal-konvenuti li minn issa qed jigu ingunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-**risposta ġuramentata ta' Carmelo Farrugia f'ismu proprju u eżerċenti l-kummerċ bħala MCF Construcion Limited u CFS Construction Ltd** ippreżentata fl-14 t'Awwissu, 2013 fejn jingħad kif ġej:

"1. Preliminarjament, l-esponenti (Carmelo Farrugia f'ismu proprju u ezercenti l-kummerc bl-isem "MCF Construction Limited", u s-Socjeta` CFS Construction Limited – is-Socjeta` MCF Construction Limited mhijiex ghalhekk parti in kawza kif jinsab anke premess fir-Rikors Guramentat), mhumiex il-legittimi kontradritturi u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom tant li l-allegati danni u flejjes indebitament ricevuti ma kienux inkluzi fil-kont originali nonostante li kienu gia` ben noti, u fit-12 ta' Frar, 2013 l-unika diskrepanza li kien ghad baqa' ghas-socjetajiet attrici kienu biss "the grade of roof screen concrete". Din il-kawza hija biss frott ta' pika talli s-Socjeta` CFS Construction Limited li ezegwit l-appalt li kienet hadet is-socjeta` MCF Construction Limited minghand is-Socjeta` Lay Lay Co. Ltd fit-13 ta'Ottubru 2011, talbet il-hrug ta' privilegg specjali fuq is-situ fejn ezegwiet ix-xogholijiet kif titlob il-ligi ghall-hlas tas-somma ta' €43,585.91c meta rrealizzat li l-kont mahrug mill-Perit Fenech Vella kellu hafna nezattezzi fir-rati miftehma u fil-kejl, apparti fatturi ta' konkos ccargjati doppjament.

3. Illi fi kwalunkwe kaz u ukoll bla pregudizzju ghall-premess, id-danni u flejjes indebitament ricevuti issa reklamati mis-socjetajiet attrici kienu ampjament kumpensati b'xogholijiet ohra extra li rrendew is-Socjetajiet CFS Construction Limited u MCF Construction Limited kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

**Il-Fatti:-**

1. Illi s-Socjeta` CFS Construction Limited hadet sub-appalt ta' xogholijiet gia` miftehma bejn is-Socjeta` Lay Lay Company Limited u s-Socjeta` MCF Construction Limited fit-13 ta' Ottubru 2011 (Ara Dok. "1" unit unit mar-Rikors Guramentat), u konsistenti f'xoghol ta' kostruzzjoni ta' diversi garaxxijiet ghall-uzu industrijali fuq porzjoni ta' art formanti parti mit-territorju maghrufa bhala "Ta Kalamija", b'faccata fuq Triq Santu Kristu, fil-limiti ta' Hal ghaxaq, tal-kejl cirka 10,161m.k., liema garaxxijiet ghandhom access minn drive-in privata li tizbokka fuq Triq Santu Kristu u llum jinsabu enumerati rispettivament bin-numri G1 sa G36.

2. Illi s-socjeta` CFS Construction Limited hadmet ix-xogholijiet skond l-istess skeda ta' rati gia` miftehmin bejn is-socjeta` Lay Lay Co. Ltd u s-socjeta` MCF Construction Limited.

3. Illi fil-11 ta' Jannar 2013 is-socjeta` CFS Construction Ltd ezegwit l-ahhar xogholijiet fuq is-situ in kustjoni u gimgha wara nqalghaw it-travetti tal-konkos li kien inghata. Ghalhekk assolutament mhuxminnu li s-Socjeta` esponenti kienet telqet minn fuq il-lant tax-xoghol fl-ahhar ta' Novembru 2012. Hija spiccat l-appalt fit-18 ta' Jannar 2013.

4. Illi meta l-Perit Fenech Vella, l-Perit tas-socjeta` attrici,m hareg il-kont finali tieghu kien deher evidenti illi kien hemm hafna nezattezzi kemm ghal dak li jirrigwarda r-rati miftehma ukemm ghal dak li

jirrigwarda l-kejl on site, apparti konsenji ta' konkos iccargjati doppjament. L-esponenti ghalhekk kellhom jinkarigaw Perit taghhom li hareg diskrepanza ta' €43,385.91c ghal liema gie registrat anki privilegg specjali fuq is-situ in kustjoni.

5. Illi b'ritaljazzjoni s-Socjetarjiet attrici, motivati b'sens ta' pka, hargu jirreklamaw danni u flejjez indebitament ricevuti biex jippruvaw jibbilancjaw dak pretiz mis-socjeta` esponenti CFS Construction Ltd. Fil-fatt, dawn il-pretensjonijiet ma kienux gew inkluzi fil-kont originali tal-Perit Fenech Vella nonostante li suppost kienu gia` beni noti, u nonostante li fit-12 ta' Frar, 2013 l-unika diskrepanza kienet biss "the grade of roof screen concrete"

6. Illi fi kwalunkwe kaz, l-allegati danni u flejjez indebitament ricevuti gew ampjament kumpensati b'xogholijiet extra li rrendew is-Socjetajiet CFS Construction Limited u MCF Construction Limited fosthom u li taghhom ma thallsux:

- Tnaddif tal-faccata fejn tibda r-rampa ghalisfel
- Twittija tat-torba fejn is-substation
- Ftuh ta' zewg kanali minhabba r-railing
- Tghabbija ta' zewg vjaggi terrapin minn wara l-gate
- Konkos fejn ir-rampa ta' gewwa quddiem il-garaxxijiet ta' Alex
- Fil-hafna drabi li nghata l-konkos gew prestati l-vibrator, kompressur
  Ta' l-arja u tlieta minn nies
- Fil-hafna drabi li nghata l-konkos gew imhottija t-trukkijiet u tqassmet ix-xibka bit-tower crane"

Rat il-provi li tresqu waqt il-prosegwiment tal-kawża;

Rat illi b'digriet tat-30 t'Ottubru 2013 din il-Qorti diversament presjeduta nnominat lill-Perit Valerio Schembri sabiex jisma' xhieda,

jagħmel l-aċċessi u jieħu konjizzjoni tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-partijiet sabiex iwettaq ir-rapport;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekinu Valerio Schembri li ġie ppreżentat fl-24 t'April 2017 u maħluf fis-26 ta' Ġunju 2017;[1]

Rat in-nota bil-mistoqsijiet in eskussjoni ppreżentata fit-8 ta' Frar 2018 mis-soċjeta Lay Lay Co Ltd;[2]

Semgħet ix-xhieda tal-Perit Valerio Schembri in risposta għal mistoqsijiet in eskussjoni[3] kif ukoll ir-risposti bil-miktub tal-istess Perit[4];

Rat il-mistoqsijiet supplimentari ppreżentati fl-20 ta' Lulju 2018 mis-soċjeta LayLay Co Ltd lill-Perit Tekniku;[5]

Rat in-nota tal-Perit Valerio Schembri ippreżentata fis-26 ta' Frar 2019 in risposta għal mistoqsijiet in eskussjoni;[6]

Rat il-mistoqsijiet ulterjuri magħmula b'nota tad-19 ta' Diċembru 2019 mis-soċjeta LayLay Comapny Ltd lil Perit Valerio Schembri;[7]

Semgħet ix-xhieda tal-Perit Valerio Schembri in risposta għall-mistoqsijiet ulterjuri;[8]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta attriċi ippreżentata fl-10 t'Awwissu 2021[9] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fit-23 ta' Novembru 2021[10];

[1] Paġna 62 et seq tal-proċess.
[2] Paġna 183 et seq tal-proċess.
[3] Paġna 188 tal-proċess.
[4] Paġna 193 et seq tal-proċess.
[5] Paġna 200 et seq tal-proċess.
[6] Paġna 207 et seq tal-proċess.
[7] Paġna 211 et seq tal-proċess.
[8] Paġna 221 et seq tal-proċess.
[9] Paġna 239 et seq tal-proċess.
[10] Paġna 246 et seq tal-proċess.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tas-17 ta' Frar 2022;[11]

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi**

Fit-13 t'Ottubru 2011 is-soċjeta Lay Lay Co Ltd daħlet f'kuntratt t'appalt ma' Carmelo Farrugia għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija kummerċjali MCF Construction Ltd sabiex tal-aħħar twettaq xogħol ta' kostruzzjoni f'sit fabbrikabbli Triq il-Belt Valletta, Ħal Għaxaq proprejta ta' Michael Axisa Limited. Fl-imsemmi kuntratt sar qbil li x-xogħol kellu jkun lest fi żmien erba' xhur dekorribbli mill-1 ta' Novembru 2012. Sar qbil ukoll li xogħlijiet ser isiru bi prezz li jkun ikkalkolat mill-Perit Anthony Fenech Vella.

Is-soċjeta CFS Construction Ltd ħadet sub-appalt tax-xogħlijiet imsemmija, liema xogħol kien jikkonsisti f'bini ta' garaxxijiet għall-użu industrijali fuq porzjon ta' art formanti parti mit-territorju magħrufa bħala "Ta Kalamija" b'faċċata fuq Triq Santu Kristu, fil-limiti ta' Ħal Għaxaq ta' kejl ċirka 10,161 m.k.

Is-soċjetajiet atturi qegħdin jallegaw diversi nuqqasijiet fix-xogħol kif ukoll li sar ħlas indebitu u għalhekk istitwew il-kawża odjerna il-konvenuti jħallsu somma ta' €30,338.07 rappreżentanti danni pretiżi.

Il-konvenuti apparti l-eċċezzjoni preliminari li m'humiex il-leġittimi kontradittur, jeċċepixxu wkoll li wara li l-Perit Fenech Vella ħareġ il-kont tiegħu kien hemm ħafna ineżattezzi kemm għal dak li jirrigwarda r-

[11] Paġna 259 et seq tal-proċess.

rati miftiehma u kemm dak li jirrigwarda l-kejl tas-sit u konsenji ta' konkos iċċarġjati doppji.

Ikkunsidrat;

***L-Ewwel Eċċezzjoni tal-Konvenuti kollha li ma humiex Leġittimi Kontradditturi***

Il-konvenuti lkoll jeċepixxu li m'humiex leġittimi kontradditturi. Brevament, Carmelo Farrugia jispjega li huwa personalment m'huwiex leġittimu kontradittur stante li l-kuntratt t'appalt ma sarx miegħu. Farrugia jissottometti wkoll li MCF Construction Ltd lanqas mhi leġittimu kontradittur u dan peress li l-imsemmija kumpanija ma teżistix. Min-naħa tagħha CFS Construciton Ltd tissottometti li m'hijiex leġittimu kontradittur stante li l-ebda kuntratt t'appalt ma ġie iffirmata bejnha u s-soċjeta attriċi.

Din il-Qorti tifhem li Carmelo Farrugia ma kienx qiegħed jaġixxi f'ismu personali u dan għaliex kif ser jingħad hawn taħt, fuq il-kuntratt t'appalt jidher li kien qiegħed jaġixxi għan-nom u in rappreżentanza ta' soċjeta ġuridika. Dan jidher prinċiparjament mill-kuntratt t'appalt tat-13 t'Ottubru 2011 fejn speċifikament jipprovdi li "Carmelo Farrugia, self-employed, [...] li qieghed jidher fuq dan il-konvenju ghan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija kummerċjali MCF Construction Ltd, kif debitament awtorizzat skond il-Memorandum and Articles of Association tal-imemmija kumpanija [...]"[12]. Minn dan il-kuntratt jidher għalhekk li l-ftehim kien qiegħed isir ma' MCF Construction Ltd. Iżda l-Qorti ma tistax tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju qabel ma tqis l-eċċezzjoni dwar l-eżistenza o meno tas-soċjeta li f'isimha kkuntratta Carmelo Farrugia.

[12] Paġna 5 tal-proċess.

Dwar l-eżistenza tas-soċjeta MCF Construction Ltd, Carmelo Farrugia fix-xhieda tiegħu quddiem il-Perit Tekniku spjega hekk "MCF hija kumpanija tieghi. Nghid li din hija kumpanija registrata. Inghid li MCF Construction mhix zgur. Il-kumplament ta' l-isem tal-kumpanija ma nafux, naf biss li jibda MCF." [13]

Mill-kuntratt iffirmat, il-fatt waħdu li n-numru ta' reġistrazzjoni tħalla vojt, m'għandux awtomatikament ifisser li s-soċjeta MCF Construction Ltd ma teżistix, aktar u aktar meta fil-ftehim kien hemm li Carmelo Farrugia ġie awtorizzat jidħol f'dan il-kuntratt ta' xogħol skond il-Memorandum and Articles of Association tal-imemmija kumpanija.

Tkun konklużjoni assurda jekk wieħed kellu fir-rigward jassumi li għaliex in-numru ta' reġistrazzjoni tħalla vojt ifisser li l-kumpanija ma teżistix. Jekk is-soċjeta attriċi kienet żgwidata mill-konvenut Carmelo Farrugia fuq il-kuntratt t'appalt billi l-konvenut Carmelo Farrugia deher għal kumpanija ineżistenti ma jwassalx neċessarjament li Carmelo Farrugia personalment ma hux il-leġittimu kontradittur. Carmelo Farrugia kien jaf meta ffirma l-kuntratt ta' appalt mas-soċjeta' attriċi li ma kienet teżisti l-ebda kumpanija b'dak l-isem.

F'dawn iċ-ċirkostanzi kienet korretta s-soċjeta' attriċi li ħarrket lil Carmelo Farrugia personalment. Is-sottomissjoni tal-konvenuti fir-rigward mhiex fondata legalment għaliex kieku tali sottomissjoni kellha mis-sewwa ikun ifisser illi sabiex wieħed jeħles mir-responsabbilita' kontrattwali kull ma jrid jagħmel huwa li jgħid li qed jidher fuq kuntratt f'isem kumpanija fittizja.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għall-**Artikolu 78 (1) tal-Kapitolu 386** (Att dwar il-Kumpaniji) li jipprovdi li:

[13] Paġna 85 tal-proċess.

> “Il-persuni kollha li jmexxu negozju jew jagħmlu ftehim taħt isem jew għan-nom ta’ kumpanija li dwarha ma jkunx inħareġ ċertifikat ta’ reġistrazzjoni taħt dan l-Att, jew qabel id-data murija fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni bħala d-data li fiha dik il-kumpanija għandha tibda sseħħ, ikunu, sakemm ma jkunx miftiehem xort’oħra personalment u solidalment responsabbli dwar terzi għall-atti magħmula taħt dak l-isem.”

In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogtħtija fl-14 ta’ Diċembru 2007 fl-ismijiet **George Delia et vs. Joseph Pace:**

> “Ir-regola generali fil-Kodici Civili (ara artikoli 999 sa 1001) hija li hu prezunt li persuna kkuntratta f’isihma sakemm ma turiex bic-car li hi kienet qedt tikkuntratta f’isem haddiehor.
>
> Il-konvenut deher fuq l-iskrittura in kwistjoni in rappresentanza ta’ kumpanija inezistenti ghalhekk hu jidhol responsabbili ghall obbligazzjoni assunta minnu personalment. (ara sentenza App **D & S Lifts Ltd vs Joseph Farrugia** 7 ta’ Mejju 2004).”

Din il-Qorti tagħmel tagħha dan l-insenjament u għalhekk qed tiddeċiedi illi **in vista tal-fatt li kif ammess mill-istess konvenut Carmelo Farrugia innifsu l-ebda soċjeta’ minnu rappreżentata ma’ għandha l-isem ta’ MCF Construction Ltd, huwa assuma personalment l-obbligi naxxenti mill-kuntratt ta’ appalet mertu tal-kawża.**

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni dwar il-leġittimu kontradittur imressqa mill-konvenut Carmelo Farrugia personalment.**

Għall-eċċezzjoni li kumpanija CFS Construction Ltd m’hijiex leġittimu kontradittur, il-Qorti ddur għal darb’oħra għal dak li ingħad minn Carmelo Farrugia fix-xhieda tiegħu: “Nghid li ghax-xoghol mertu tal-kawża jien ridt nidhol bil-kumpnaija CFS u fil-veru fatt anke l-ircevuti

tal-VAT maħruġin fuq CFS."[14] Ix-xhieda tkompli hekk "Mistoqsi kif dahlet CFS Construction Ltd fix-xena nghid li fil-veru fatt kienet din il-kumpanija li hadet ix-xoghol in kwistjoni. Nghid li iffirmajna l-prezzijiet anke x-xoghol bhala CFS Construction Ltd. [...] Ix-xoghol sar minn CFS Construction Ltd u din is-soċjeta jiena direttur taghha wkoll."[15]

Din ix-xhieda tal-konvenut Carmelo Farrugia hija konfermata sew mill-pagamenti li saru mis-soċjeta' attriċi Michael Axisa Limited lis-soċjeta' konvenuta CFS Construction Limited[16] fir-rigward tal-appalt mertu tal-kawża; kif ukoll l-iskrittura tas-16 ta' Novembru 2012 iffirmata quddiem in-Nutar Dr Jonathan Zammit[17] fejn is-soċjeta' attriċi Michael Axisa Limited u s-soċjeta' konvenuta CFS Construction Limited iddikjaraw li ta' l-ewwel kienet qed tħallas lil tat-tieni s-somma ta' €232,937.34 "għas-saldu ta' prezz ta' xogħol ta' kostruzzjoni u materjal uzat fl-istess xoghol ta' kostruzzjoni imwettaq minn CFS Construction Limited f'sit proprjeta' ta' Michael Axisa Limited gewwa Hal Ghaxaq. Jiġi dikjarat li tali ricevuta ta' €232,937.34 tikkomprendi ricevuti ohrajn li CFS Construction Limited tiddikjara li rilaxxat qabel illum favur l-istess Michael Axisa Limited b'rabta mal-istess xoghol u materjal."

**Ġie għalhekk ippruvat sal-grad li trid il-liġi li s-soċjeta' konvenuta CFS Construction Limited daħlet f'relazzjoni kontrattwali sabiex teżegwixxi x-xogħolijiet mertu tal-appalt de quo u konsegwentement l-eċċezzjoni tagħha li ma hiex il-leġittimu kontradittur ma hiex fondata.**

Ikkunsidrat;

[14] Paġna 85 tal-proċess.
[15] Paġna 86 tal-proċess.
[16] Ara bħala eżempju ic-cheque datata 12 ta' Frar 2013 u l-irċevuta relativa f'paġna 17 tal-proċess
[17] Paġna 16 tal-proċess

Hekk trattati u deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari ngħaddu issa sabiex nikkonsidraw il-mertu tal-kawża.

**Mertu**

**Konklużjonijiet tal-Perit Tekniku**

**L-ewwel talba**

***L-allegazzjoni ta' konkos difettuż fil-kontrabejt***

"10. Fic-cirkostanzi l-esponent huwa ta' l-umli opinjoni illi t-talba ghal full replacement value ta 66% tal-kontrabejt hekk kif elenkata f'din il-parti tat-talba attrici fis-somma ta' €9261.88 mhux gustifikata u ma jhossx li ghandha tintlaqa.

11. Dwar l-ispejjes tat-tests jinghad illi se mai stante s-suspett li l-grades rikjesti setghu b'xi mod ma ntlahqux, haga li fil-fatt rrizultat ghas-samples mehudin, hija l-umli opinjoni ta' l-esponent illi huwa gustifikat li s-socjeta attrici titlob ghar-rimbors taghhom fis-somma ta' €354.00"[18]

***Materjal suplit mis-soċjeta Lay Lay Co. Ltd***

"12. [...] Ma jirrizultax mill-provi li dawn il-kwantitajiet qed jigu ddisputati u ghalhekk wara li vverifika l-konteggi pprezentati fil-parti numtu 2 ta' l-elenku tal-pretensjoni attrici l-esponent huwa ta' l-umli opinjoni illi s-somma ta' €4.217 hija dovuta."[19]

***Dwar Tindif***

[18] Paġna 74 tal-proċess.
[19] Paġna 75 tal-proċess.

"15 Fic-cirkostanzi u mill-provi li kellu quddiemu l-esponent, jirrizultalu illi l-versjoni tal-atturi hija aktar verosimili u ghaldaqstant ihoss illi t-talba attrici fit-tielet parti tat-talba ghandha fl-intier taghha ghal partijiet a sa c fil-valur ta' €2179.45

16 Ghal dak li jirrigwarda s-sezzjoni d ta' l-istess parti l-esponent minn dak li ezamina in situ waqt l-access u tenut kont l-ingenji li qed jigi akkordat hlas ghalihom minn a sa c il-Perit Tekniku huwa ta' l-umli opinjoni illi t-talba ghal 40 gurnata xoghol (man days) hija esagerata u din qed titnaqqas bin-nofs ghal 20 gurnata u ghall-valur ta' €1863.40"[20]

***Dwar xoghol riparatorju u tkomplija***

"17 Dwar it-talba f'din ir-raba parti l-esponent in segwitu ghal dak li gie muri in situ jhoss li qed jintalab mis-socjeta attrici fis-somma ta' €339.75 huwa ġustifikat."[21]

***Xogħol ieħor***

"20 Isegwi ghaldaqstant illi dak li qed jintalab mis-socjeta attrici fis-sezzjoni 5 minn a sa c fis-somma totali ta' €2621.37 fl-umli opinjoni ta' l-esponent mhux dovut.

21 Dwar il-partijiet d sa e fl-istess sezzjoni 5 tat-talba attrici l-esponent huwa ta' l-umli opinjoni illi s-socjeta attrici kienet gustifikata li tippretendi li l-konvenut inehhi l-bazi tat-tower crane minghajr dewmien zejjed. Fic-cirkostanzi l-Perit Tekniku jhoss li s-somma mitluba fil-valur ta' 1224.70 hija gusitifikata u ghandha tigi akkordata a favur tas-socjeta attrici.

[...]

[20] Paġna 76 tal-proċess.
[21] Paġna 77 tal-proċess.

23. Ma jidhirx illi l-kwistjoni ta' l-uzu ta' l-istess forma gie kontradett mill-konvenut pero bir-rispett s-somma li qed tintalab fil-valur ta' €1785.00 hija ferm il-boghod minn dak li huwa xieraq. L-esponent fic-cirkostanzi jhoss li ghandu jakkorda lump sum fil-valur ta' €500.00 a favur tas-socjeta attrici."[22]

**It-tieni talba**

"25 Fid-dawl tal-paragrafi li gew elenkati fis-suespost, l-esponent huwa ta' l-umli opinjoni illi, jekk l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha jidrilha xieraq u opportun li takkolji din it-talba, is-somma li tigi hekk akkordata ghandha tkun fil-valur totali ta' €10,678.30 eskluz il-VAT"[23]

**It-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti**

"30 [...] ma tirrizultalu bl-ebda mod xi prova dwar innezattezzi fir-rati miftiehma u fil-kejl, fatturi ta' konkos ccargjati doppjament u lanqas għall-grazzja ta' l-argument minn fejn tohrog il-figura ta' €43,585.91. In atti jissemma biss li kien sar xi rapport mill-AIC Tancred Mifsud pero dan qatt ma gie esebit quddiem l-esponent."[24]

**It-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti**

"34 Bir-rispett pero l-Perit Tekniku jirrimarka li sabiex se mai l-esponent jasal jikkwantifika xi somma jew valur ghal din il-pretensjoni tal-konvenut jrid ikollhu quddiem provi teknici bizzejjed sabiex jibda jasal jistabillixxi l-entita u r-rati applikabbli. F'dan ir-rigward in atti ma hemm xejn. Wiehed kien ta l-inqas jistenna li sabiex tigi ssotanzjata din l-eccezzjoni jkun hemm rapport tekniku, jew depozizzjoni dettaljata dwar

[22] Paġni 77 – 78 tal-proċess.
[23] Paġna 79 tal-proċess.
[24] Paġna 81 tal-proċess.

din il-pretensjoni. Fin-nuqqas ta' tali prova l-esponent jidhirlu illi ma jista jikkwantifika l-ebda valur fir-rigward ta' din l-eccezzjoni."[25]

Kien hemm għad ta' mistoqsijiet li saru lil Perit Tekniku mis-soċjeta Lay Lay Co. Ltd wara li ġie eżaminat ir-rapport. Il-Qorti sejra tiġborhom taħt sommarju wieħed.

Fir-rigward tal-kontrabejt huwa jiċċara li meta minn test tas-saħħa tal-konkos jirriżulta tant baxx meta wieħed kellu jagħmel kontra-bejt b'saħtu ta' grad 15 jew 20, wieħed m'għandux jagħmel test wieħed iżda għandu jagħmel jieħu diversi kampjuni minn partijiet differenti tal-kontrabejt u dan għaliex mhux neċessarjament kullimkien kellu l-istess grad. In-numru ta' kampjuni ssir skont l-*area*. Il-Perit spjega li dan ma kienx bejt wieħed iżda kontrabejt ta' diversi kmamar separati. Il-Perit Tekniku jgħid li lanqas ma jemmen lil Carmelo Farrugia meta jgħid li l-konkos tilef is-saħħa tiegħu għaliex ma setax jgħaġġel. Il-Perit Tekniku jispjega li ġaladarba hawn si tratta kontrabejt dan qatt ma jista' jkun ta' periklu għax mhux strutturali iżda l-funzjoni tiegħu hija dik ta' *insulation* u sabiex tagħti x-xaqliba lill-ilma. Pero jifhem li meta s-soċjeta attriċi kienet qiegħda tħallas għal tip ta' saħħa ta' kontrabejt u ħalset il-flus ekwivalenti għal dak ix-xogħol, wieħed jippretendi li jkollu xogħol kif mitlub. Ix-xhud jgħid li dak li għamlet is-soċjeta attriċi flok qalet il-kontrabejt, għaddiet sabiex għattietu bil-*membrane*. Jgħid li peress li kien laħaq sar il-*membrane* huwa ma kienx f'pożizzjoni jara jekk huwiex minnu li l-kontrabejt beda jfaqqa. Il-Perit spjega li huwa ma ordnax li jsiru testijiet aktar ta' partijiet oħra tal-kontrabejt invista li s-soċjeta attriċi kienet laħqet ksiet kullimkien membrane u l-ispiża kienet ser tkun ferm aktar għolja. Il-Perit ikkonferma li l-prezz tal-konkos huwa skont il-grad.

Dwar l-ispejjeż tal-blajjet huwa wasal għall-figura ta' €500 in vista li l-atturi ma ppreżentawx *break down* tal-ammont akkordat u kienet somma

[25] Paġna 82 tal-proċess.

għalhekk li deherlu li kienet raġonevoli. Din is-somma bbaża fuq l-esperjenza tiegħu fuq proġett simili.

Bħala rimarka ġenerali, il-Perit Tekniku osserva li s-soċjeta attriċi naqset milli ġġib prova adegwata ta' dak li kienet qiegħda tallega u għalhekk kien kostrett jasal għal konklużjonijiet li wasal fuq dak li kellu quddiemu.

Ikkunsidrat;

In materja ta' dritt probatorju n-norma stabbilita bl-**Artikolu 562 tal-Kapitolu 12** hi li "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah." Kif ġie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Zammit vs. Joseph Hili,** mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1953 "ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"*onus probandi*" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "*ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat*". In oltre din il-prova trid tkun l-aħjar waħda fiċ-ċirkostanzi biex tissostanzja l-allegazzjoni (**Artikolu 559** tal-Kapitolu 12).

F'dan il-kuntest, relevanti ħafna huwa dak li ntqal fil-każ **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-26 ta' Settembru 2013, fejn ġie dikjarat:

> "Illi l-Qorti tqis li ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili mhuwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici suppozizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju."
>
> […]
>
> "Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li jekk tonqos li taghmel

dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara App. Inf. – JSP – 12 ta' Jannar 2001**, Hans J. Link et vs Raymond Mercieca**). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm 'il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, il-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 – **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**).

Illi huwa ghalhekk, li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-**Art. 562 tal-Kap 12**) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (**Art. 559 tal-Kap 12**)."

Għaldaqstant l-oneru tal-prova jgħodd kemm fil-każ tal-attur kif ukoll għall-konvenut. Fis-sentenza **Kenneth Cassar vs. Samy El Saghir pro et noe** (App Ċiv 426/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-23 ta' Novembru 2005 ingħad li

"Huwa indubitat illi min irid jivvalora dritt li jippretendi li ghandu jehtieglu jipprova l-fatti li jikkostitwixxu l-fondament ta' dak l-istess dritt. Dan fis-sens illi jinkombi bi dmir fuq il-parti li tallega fatt favorevoli ghaliha li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt. Skond id-dritt probatorju, il-karattru favorevoli tal-fatti allegati huwa kriterju ta' distribuzzjoni ta' l-oneru tal-provi. Dan kemm jekk il-fatti jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat ("*actori incumbit probatio*") u sija jekk il-fatti jingiebu a bazi ta' l-eccezzjoni tal-konvenut biex jikkontrastaw l-pretiza ta' l-attur ("*reus in excipiendo fit actor*"). Huma dawn ir-regoli legali ta' gudizzju li jikkonsentu lill-gudikant japproda ghal decizjoni fil-meritu;"

Ikkunsidrat;

Permezz tal-kawża odjerna l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' €30,338.07 allegatament rappreżentanti danni kif ukoll ammonti mħallsa indebitament in konnessjoni mal-appalt fuq imsemmi.

In sostenn tat-talbiet tagħhom l-atturi ppreżentaw rapport tal-**perit *ex parte* tagħhom il-Perit Anthony Fenech Vella** fejn jispjega dettajatament kif wasal għaċ-ċifra ta' €30,338.08.[26]

Dan l-ammont huwa maqsum f'erba' partijiet:

a. Konkos difettuż;
b. Materjal użat minn Farrugia;
c. Spejjeż sabiex isir tindif;
d. Tiswijiet tad-difetti u xogħol mhux komplut;
e. Oħrajn.

Fir-rapport tekniku tiegħu l-Perit Tekniku Valerio Schembri jikkonkludi inter alia li l-atturi naqsu milli jressqu provi dwar uħud mill-pretensjonijiet tagħhom.

Huwa minnu li l-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet ta' natura teknika li jsiru minn perit tekniku maħtur mill-Qorti għandhom valur probatorju qawwi; huwa daqstant ieħor minnu li l-Qorti ma hiex neċessarjament marbuta bil-konklużżjonijiet tal-perit tekniku maħtur minnha. Fuq din il-materja ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawża **Joseph Calleja noe vs. John Mifsud** ġie ritenut illi:

[26] Paġna 13 tal-proċess

> “Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.”

Difatti **Artikolu 681 tal-Kapitolu 12** jipprovdi li “Il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha.”

Il-ġurisprudenza tgħallimna l-Qorti mħgandhiex tiskarta l-opinjonijiet ta’ esperti b’mod leġġer jew kapriċuż. Il-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni f’tali relazzjoni ma kinetx  korretta.

Fir-rigward tal-każ odjern il-Qorti ser tagħmel distinzjoni bejn il-konklużjonijiet fuq punti ta’ dritt li għamel il-perit tekniku u l-konklużżjonijiet fuq punti prettament tekniċi.  Ser tillimita ruħha li tieħu in konsiderazzjoni l-opinjonijiet u konklużżjonijiet tal-perit tekniku limitatament dwar l-aspetti tekniċi tal-vertenza.

**Konkos tal-Kontrabejt**.

L-ewwel ilment tas-soċjeta attriċi dwar ix-xogħolijiet magħmula tirrigwarda l-konkos difettuż tal-kontrabejt. Dwar dan is-soċjeta' attriċi qed titlob li titħallas is-somma ta' €9,615.88 f'danni. In sostenn ta' din il-pretensjoni l-atturi ppreżentaw *test report* magħmul mill-kumpanija SolidBase Laboratory Ltd li sar fuq inkarigu tas-soċjeta attriċi u dan sabiex jaraw x'kienet is-saħħa tal-konkos li ingħata fuq il-kontrabejt. Il-Perit Tekniku jispjega li l-kontrabejt ma kienx jikkonsisti fuq bejt wieħed sħiħ iżda fuq diversi bjut żgħar iżda sar test wieħed tal-konkos. Ir-riżultat ta' dan it-test iċċertifika li s-saħħa tal-konkos tal-kontrabejt ma kenitx dik pattwita bejn il-partijiet.

Min-naħa tagħhom il-konvenuti ma jinnegawx li l-kwalita tal-konkos tal-kontrabejt kien wieħed inferjuri. Il-konvenut Carmelo Farrugia jgħid li huwa sab diffikulta sabiex jagħti l-konkos minħabba li jallega li kien hemm ħafna djuq; pero' xhed ukoll li kien lest jaċċetta pagament għall-konkos ta' saħħa ta' 3.18. Il-konvenut aċċetta l-inferjorita tal-kwalita tal-konkos tal-kontrabejt u għalhekk tali ammissjoni tammonta għall-prova tajba li l-konkos kien verament ta' saħħa inferjuri u s-soċjeta attriċi min-naħa tagħha ma kien jonqosha ġġib l-ebda prova oħra fir-rigward.

Pero' l-Perit Tekniku jgħid hekk fir-rigward:

> "... jekk wiehed isib rizulta[t] skerz ta' konkos ta' Grade 20 li tella biss 3.2 N/mm2 kellha se mai jiehu tests ohrajn biex jezamina l-kumplament mhux jibbaza t-tezi tiegħu fuq kampjun wiehed. Ghalkemm il-konkos tal-kontrabejt mhux wiehed li jaqdi funzjoni strutturali primarja meta jtella biss 3.2N/mm2 ifisser li hemm xi haga teknikament skerza u allura huwa minn awl id-dinja li hemm bzonn ta' analizi ulterjuri biex tasal ghal konkluzzjoni. It-tests l-ohrajn li saru kienu f'postijiet differenti u mhux fil-kontrabejt. Nonostante dan it-test skerz l-attur iddecieda li jzomm kollox kif kien u addirittura ghamel il-waterproofing membrane, fattur li

> jindika fl-umili opinjoni ta' l-esponent illi l-konkos tal-kontrabejt ma kienx qed jinkwetah hafna."

Għalhekk il-Perit Tekniku ma aċċettax l-ammont mitlub mill-attur fir-rigward tas-somma ta' €9,261.88 deskritti mill-Perit Fenech Vella fir-rapport tiegħu bħala "Full replacement of 66% of kontrabejt. Total area 125.67 @ .67 x €110".

Għandu raġun il-Perit Tekniku jikkonkludi li ċ-ċifra ta' €9,261 mhiex ġustifikata stante li tirrapreżenta l-ispiża relativa kieku l-kontrabejt kellu jinqala u jiġi rimpjazzat mill-ġdid; ħaga li manifestament li seħħet u lanqas irriżulta li hemm ħtieġa li ssir.

Inoltre jiġi osservat illi skond kopja ta' riċevuta rilaxxjata mill-konvenuta annessa mar-rikors promotur jingħad li :

> "*Received the sum of €34,000 by chq2793 on a/c of works carried out at Għaxaq property of Michael Axisa Ltd. Pending balance €2,376 to be settled after discussing with architect the grade of roof screen concrete.*"

B'dan ifisser għalhekk li l-atturi żammew f'idejhom is-somma ta' €2,376 u ma tħallsitx fir-rigward tal-kontrabejt. Din is-somma fiċ-ċirkostanzi għandha titqies suffiċjenti sabiex tikkumpensa lill-atturi dwar il-grad inferjuri tal-kontrabejt.

Il-Qorti taqbel għalhekk mal-Perit Tekniku illi dwar din il-pretensjoni hija dovuta biss lill-atturi s-somma ta' €354.00 rappreżentantki l-ispiża relativa għat-test dwar il-kwalita' tal-konkos u tirriġettaha fil-kumplament.

**Materjal Fornit mill-Attriċi u Mħallas Indebitament**.

It-tieni pretensjoni tal-attriċi tirrigwarda l-materjal fornut mis-soċjeta Lay Lay Co Ltd.

Michael Axisa xhed illi:

> "Farrugia kien uza ammont sostanzjali ta' bricks u kantun li kien fuq is-sit, u liema materjal kien jappartjeni lill-kumpanija tieghi u thallas tieghu daqs li kieku kien ssuplixxieh hu. L-ammont ta' dawn il-gebel u bricks flimkien mal-valur taghom qeghdin elenkati fir-rapport tal-Perit Fenech Valla aness mar-rikors guramentat.
>
> Farrugia kien thallas ukoll ta' kimika uzatga mal-konkos, daqs li kieku kien issupplixxieha ukoll meta fil-fatt il-kimika kienet mixtrija mis-socjeta' LayLay Company Limited..........Għandi nghid illi jiena ezaminajt ir-rapport tal-Perit Fenech Vella .... u nikkonferma l-kontenut tieghu"

Ix-xhieda ta' Michael Axisa fir-rigward ta' din il-parti tal-pretensjoni attriċi kif korroborata mir-rapport tal-Perit Fenech Vella ġiet aċċettata mill-Perit Tekniku Valerio Schembri u l-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex ghandha tiddipartixxi minn tali konklużżjoni.

Il-Qorti għalhekk qed tqis li l-pretensjoni attriċi taħt din il-kappa fis-somma ta' €4,217.98 hija ppruvata sal-grad rikjest mil-liġi u qed tiġi akkolta.

**Tindif**.

It-tielet kappa tal-pretensjoni attriċi tirrigwarda t-tindif fuq is-sit ta' kostruzzjoni.

Is-soċjeta’ attriċi qed tippretendi l-ħlas tas-somma ta’ €5,906.25 għal tindif li għamlet hi a spejjeż tagħha fuq is-sit ta’ kokstruzzjoni liema tindif skond l-attriċi kellu jsir mill-konvenuti.

Carmelo Farrugia jiċħad kategorikament dak pretiż mill-atturi.

In tema legali dwar l-apprezzament tal-provi fejn tirriżulta konflittwalità fil-verżjonijiet tal-partijiet issir referenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta’ Novembru 1966 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs. Rokku Farrugia**:

> “Mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt għandu jħalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessità li minħabba fih ma tkunx tista’ tiddeċiedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa’ soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m’għandhiex taqa’ ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f’kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f’każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta’ qerq da parti ta’ xi wieħed mill-kontendenti.”

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-2 ta’ Ġunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. noe vs. Victor Sammut** ikkunsidrat illi:

> “F’każ ta’ konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli

għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi."

Ingħad ukoll illi: "fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati talhajja."[27]

Għaldaqstant ġaladarba din il-Qorti hija rinfaċċata minn provi konfliġġenti, hija sejra tiġi gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi li ġew prodotti quddiemha,

1. Sejra tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li hija aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u
2. Fin-nuqqas, tiġi applikata l-massima *actore non probante reus absolvitur*.

Michael Axisa jgħid li Farrugia għamel xi 4 vjaġġi trakkijiet ġebel, iżda ma jgħidx kemm il-Sibt mar jgħinu jnaddaf. Min-naħa tiegħu Farrugia jgħid li mar jgħin lil Axisa xi tlett Sibtijiet. Iben Michael Axisa qal li Farrugia mar jgħin lill-missieru xi żewġ Sibtijiet. Jidher għalhekk li l-verżjoni ta' Farrugia li mar jgħin lil Axisa hija korraborata minn dak li ingħad minn Johann Axisa. Il-Qorti ma tafx iżda kemm il-Sibt mar jaħdem Michael Axisa u ma tafx lanqas jekk is-Sibtijiet li mar jgħinu Farrugia naqqashomx mill-kalkolu tiegħu.

Di piu, kien l-istess Michael Axisa li kellu urġenza li jnaddaf il-post u dan jikkonfermah hu stess. Il-ftehim dwar it-tindif ma kienx miktub iżda kien hemm ftehim verbali li tindif isir wara li Farrugia jlesti x-xogħol - dan ġie kkonfermat minn Johann Axisa u Michael Axisa innifsu. Michael Axisa jgħid li huwa ma setax jistenna li tindif isir wara li Farrugia jlesti

[27] **Joseph Borg vs. Joseph Bartolo** deċiża mill-Qorti tal-Appell Civili (sede Inferjuri) fil-25 ta' Ġunju 1980.

x-xogħol peress li jekk ma jlestix ix-xogħol sa ċertu żmien, kien sejjer jeħel penali mill-Gvern li kien ikkummissjona x-xogħolijiet.

L-għaġġla min-naħa ta' Axisa hija ġustifikata.

Kif ammetta Axisa stess ma kien hemm l-ebda prezz miftiehem dwar it-tindif u huwa ħareġ b'somma wara li ħa kont tal-ħinijiet u xogħol iżda hawn ukoll, Axisa naqas milli jipprova kemm-il siegħa għamel jaħdem. Naqas ukoll li jġib prova li sar xi ħlas lil Bonnici li għamel xogħol ta' tindif.

Il-Qorti tosserva li fid-dokument imħejji mill-Perit Fenech Vella qiegħed jintalab ħlas għal żewġ ħaddiema iżda dan ma hux sorrett mill-provi in atti.

F'dan ir-rigward il-Qorti tasal sabiex tqis li tindif kellu jkun hemm da parti tal-konvenuti, iżda s-soċjeta attriċi naqset milli tressaq l-aħjar prova sabiex tissostanzja l-pretensjonijiet tagħha fis-somma intiera pretiza ta' €5,906.25.

Għalhekk il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi l-konkluzzjoni tal-Perit Tekniku li jakkorda *arbitrio boni viri* taħt din il-kappa mhux is-somma mitluba iżda s-somma ta' €2,179.45 + €1,863.40 bħala ġusta u l-Qorti qed tadottaha.

**Xogħol Riparatorju u ta' Tlestija**.

Ir-raba' kappa tal-pretensjoni attriċi tirrigwarda_xogħol riparatorju u ta' tlestija. Il-Perit Tekniku rrelata hekk fir-rigward: "Dwar it-talba f'din ir-raba' parti l-esponent in segwitu ghal dak li gie muri in situ jhoss li dak li qed jintalab mis-socjeta' attrici fis-somma ta' €339.75 huwa ġustifikat.

Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għanda tiddipartixxi minn din il-konklużżjoni tal-Perit Tekniku u għalhekk qed tadottah.

**Xogħolijiet Oħra Missellanji**.

Il-ħames u l-aħħar kappa tal-pretensjoni attriċi tikkonsisti fi pretensjoni ta' ħlas għal użu ta' pompa, spejjeż għal *plasticizer*, spejjeż tax-xogħol ta' konkos, tkissir tal-bażi tat-*towercrane,* it-tneħħija tad-debris tal-imsemmija bażi u kera ta' *adjustable steel formwork for beams*.

Il-Perit Tekniku huwa tal-fehma li l-ewwel tlett kategoriji taħt din il-kontestazzjoni m'humiex ġustifikati. Din il-Qorti taqbel ma' din il-konklużjoni u dan għar-raġunijiet mogħtija taħt it-tielet kappa u ċioe li s-soċjeta attriċi naqset milli tipprova b'mod konkret l-ispejjeż li hija għamlet. Jekk inxtara xi *plasticizer* ċertament li kien ikun faċli għas-soċjeta attriċi sabiex tippreżenta l-irċevuti relattivi. Michael Axisa wiegħed li ser jippreżenta d-dokumenti kollha li għandu kemm bħala *breakdown* tal-prezzijiet li ftehmu fuqhom il-partijiet kif ukoll l-irċevuti iżda l-istess naqas milli jagħmel dan.

Din il-Qorti tosserva wkoll fir-rigward tal-ispejjeż tax-xogħol tal-konkos, li jidher li kien hemm ftehim ma' Rennie Zammit (u dan kif anke kkonfermat minn Rennie Zammit stess) sabiex isir dan ix-xogħol u għalhekk ma tistax tifhem kif l-ispejjeż għal dan qiegħed jintalab issa mingħand Carmelo Farrugia.

Rigwardanti l-ispejjeż għat-tkissir u t-tneħħija tal-bażi tat-*towercrane,* il-Perit Tekniku qies li din hija waħda ġustifikata u għalhekk għandha tiġi akkordata fis-somma ta' €852.00 + €372.70

Dwar is-somma pretiża ta' €1,785.00 deskritta fir-rapport tal-Perit Fenech Vella taħt para. 5 (f) bħala rappreżentanti "Rental of adjustable steel formwork for lintols/beams (01/11/11 tl 13/9/12) 510cft @ €3.50) il-Perit Tekniku wera l-fehma li dan l-ammont huwa esaġerat u qies illi l-ammont dovut fir-rigward għandu minflok jiġi likwidat fis-somma ta' €500.00.

Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex m'għandiex tadotta wkoll din il-konklużżjoni peritali.

Tenut kont dak hawn fuq deċiż il-Qorti ser takkorda l-ammonti kif murija fit-tabella t'hawn taħt:

| **Talbiet Attriċi** | **€** |
|---|---|
| Konkos ta' kwalita inferjuri | 354.00 |
| Materjal fornut mis-soċjeta Lay Lay Co. Ltd | 4,217.98 |
| Spejjeż sabiex isir tindif | 4,042.85 |
| Xogħol riparatorju u tkomplija | 339.75 |
| Mixxellanji | 1,722.70 |
| **Total (mingħajr VAT)** | **10,677.28** |

Mas-somma imsemmija ta' €10,677.28 irid jizdied il-VAT ammontanti għal elf, disa' mija u wieħed u għoxrin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€1,921.91); **b'kollox tnax-il elf, ħames mija u disgħa u disgħin ewro u dsatax-il ċenteżmu (€12,599.19)**.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tiċħad l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni;

2. Tilqa' parzjalment it-tieni eċċezzjoni;

3. Tilqa' in parte l-ewwel talba attriċi, tiddikjara lill-konvenuti debituri tal-atturi għar-raġunijiet fuq mogħtija fis-somma ta' tnax-il elf, ħames mija u disgħa u disgħin ewro u dsatax-il ċenteżmu (€12,599.19).

4. Tilqa' in parte t-tieni talba attriċi, tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex iħallsu lill-atturi s-somma imsemmija ta' €12,599.19, bl-imgħax legali mill-24 ta' Lulju 2013, id-data tan-notifika lill-konvenuti, sad-data tal-effettiv pagament.

Fiċ-ċirkostanzi, tenut kont tat-telf u r-rebħ rispettiv tal-partijiet, il-Qorti tqis li jkun ekwu li l-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu in kwantu għal nofs mill-atturi u nofs mill-konvenuti.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
31 ta' Mejju 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**